**Minuti tal-20 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

L-għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Fl-assenza taċ-*Chairperson*, is-Sur Norman Clews, Viċi *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Mario Bartolo. Is-Sinjura Maria Elena Debattista kienet skużata.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tad-dsatax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia. Il-Kumitat approva unanimament il-minuti tat-tmintax-il laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-vann li hemm mitluq fi Triq l-Għakrux u staqsa x'qed iżomm milli dan il-vann jitneħħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-problema tal-Pulizija biex jitneħħew vetturi abbandunati ġejja mill-fatt illi l-Akkademja tal-Pulizija ser tiġi trasferita għall-post fejn kienu qed jitpoġġew il-vetturi mitluqa li kienu qed jitneħħew u għaldaqstant fil-preżent m'hemmx post alternattiv fejn jittieħdu dawn il-vetturi.

Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kumitat illi l-ħadid tat-taraġ li minn Triq Ġdida fi Triq San Leonardu iwassal għal Triq il-Werżieq issa kien kważi tlesta u dan mistenni jiġi mwaħħal fi żmien qasir.

Dwar xogħol ta' manutenzjoni ta' toroq is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li tiġi rranġata temporanjament Triq il-Marżebb sakemm din tiġi *resurfaced.* Is-Sur Agius talab ukoll li jiġu rranġati ħofor perikolużi li hemm fi Triq iż-Żarżarell.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kumitat ġie nfurmat formalment illi l-Bord ta' Evalwazzjoni approva l-proġett tal-Kumitat għall-bini u kisi bit-tarmak ta' Triq il-Marżebb u għal dan il-proġett se jingħata l-ammont ta' €20,000. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li flimkien maċ-*Chairperson* kien attenda għall-preżentazzjoni li saret għal dawk il-Kumitati li bbenefikaw minn din l-iskema.

Dwar il-parti ta' Triq il-Marżebb li ġiet żviluppata riċentament, is-Sur Clews qal li jkun għaqli jekk il-Kumitat jagħmel pressjoni biex isiru s-servizzi kollha tal-blokk l-ġdida qabel ma' t-triq tingħata t-tarmak.

Inqrat ittra mibgħuta mill-Korporazzjoni Enemalta fejn il-Kumitat ġie nfurmat mill-*Customer Care Coordinator* is-Sinjura Antoinette Mifsud Zahra illi t-talba biex titwaħħal bozza ġdida fi Triq Patri Feliċjan Grech kienet ġiet approvata.

Dwar il-laqgħa li s-Sur Bartolo u s-Sur Farrugia kellhom mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, iż-żewġ membri tal-Kumitat Amministrattiv qalu li filwaqt li rringrazzjaw lil Dr Said għall-għotja li ngħatat għal *resurfacing* ta' Triq il-Marżebb, stednuh iżur iż-żona ta' St Peter's biex ikun jista' jara x-xogħol li qed isir u jara wkoll in-natura tal-ilmenti li l-Kumitat qed ikollu mir-residenti. Waqt din il-laqgħa ġew imqajjma ħwejjeġ oħra fosthom l-ħtieġa ta' żieda fl-allokazzjoni, l-emblema tal-Kumitat Amministrattiv, il-possibilità ta' onorarja u l-ħtieġa ta' aktar għajnuna mid-Dipartimenti u l-Awtoritajiet.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li jiġi rranġat ħajt li hemm fi Triq Ħaż-Żabbar u li qiegħed f'periklu li jaqa' fit-triq. Is-Sur Agius semma wkoll il-possibiltà li jsiru *parking bays* fi Triq Ġdida fi Triq San Leonardu. Is-Sur Clews ippropona li jkun aħjar jekk il-Kumitat jikteb lil Transport Malta biex jiġi stabbilit jekk jistax isir parkeġġ fil-karreġġata ta' din it-triq. Is-Sur Agius issekonda l-proposta tas-Sur Clews u l-Kumitat qabel unanimament li tinkiteb din l-ittra. Is-Sur Agius ippropona li f'din it-triq isiru wkoll tabelli ta' *No Heavy Vehicles* peress illi mhux possibbli jidħlu vetturi kbar f'din it-triq pjuttost dejqa. Is-Sur Bartolo ssekonda l-proposta tas-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Is-Sur Bartolo talab li ssir stima biex isir *boundary wall* madwar il-plot mitluqa li hemm fi Triq Dun Salv Sciberras.

Dwar il-laqgħa mal-ispettur il-ġdid tal-lokal, is-Sur Bartolo qal li l-Kumitat għandu jerġa' jressaq l-ilmenti li kienu tressqu fil-laqgħa mal-ispettur preċedenti u li għadhom pendenti. Fost l-*issues* li jridu jiġu diskussi hemm il-problema ta' vetturi mitluqa partikularment fi Triq Dun Salv Sciberras fej hemm *trailer* u xi vetturi oħra mitluqa.

Is-Sur Farrugia talab li jiġi verifikat jekk għadx hemm bżonn li jkun hemm *reserved parking bay* ħdejn il-ħanut Tonmar fi Triq il-Berebies peress illi mill-informazzjoni li għandu il-persuna b'diżabilità m'għadhiex toqgħod Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Farrugia ppropona li jsiru *parking bays* fi Triq il-Berebies minn Triq l-Għakrux sa Triq il-Farfett tal-Fejġel. Is-Sur Bartolo ssekonda lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li jsiru dawn il-parking bays.

Is-Sur Farrugia semma wkoll il-ħtieġa li jitwaħħal *stop sign* fuq arblu fi Triq il-Berebies kif ukoll *stop sign* fl-art fin-nofs ta' Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Agius tkellem dwar is-sewqan eċċessiv li qed ikun hemm fi Triq San Leonardu u semma l-possibilità li jsiru *road humps* f'din it-triq. Il-Kumitat qabel li jikkonsulta man-nies biex jara jekk ir-residenti iridux jew le dawn ir-*road humps*.

Is-Sur Clews semma l-ħtieġa li l-Kumitat jibqa' iżomm kuntatt man-nies u ssuġġerixxa li jinħareġ *leaflet* mill-Kumitat fejn fih jiġi spjegat fil-qosor ix-xogħol li sar sa issa u li mistenni jsir mill-Kumitat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat illi hekk kif tkun magħrufa l-allokazzjoni għas-sena li ġejja, il-Kumitat iħejji abbozz ta' Pjan ta' Ħidma u jagħmel laqgħa annwali pubblika għar-residenti ta' St Peter's.

Fl-aħħarnett is-Sur Agius qal li peress illi f'dan iż-żmien il-Kunsill Lokali jinnomina persuni għall-għoti ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u ta' Ċertifikat ta' Ħajr, qed jipproponi li l-Kumitat Amministrattiv jinnomina lis-Sur Rennie Zerafa, resident fiż-żona ta' St Peter's biex il-Kunsill jikkunsidra li jagħti l-Onorifiċenza Ġieħ Ħaż-Żabbar lil din il-persuna li tant qed taħdem favur it-tfal morda bil-kanċer u għall-familji tagħha permezz ta' Puttino Cares. Is-Sur Farrugia ssekonda lis-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-wieħed u għoxrin laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Diċembru, 2011.

Norman Clews
Viċi Chairperson